MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 749/2009

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Jeffrey Aquilina (Id. 88180M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija u ewro u tmienja u tletin centezmu (€301.38) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minnu skond kuntratt bin-numru 1020376 in konnessjoni ma' servizzi rezi lilu mis-socjeta' attrici fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-30 ta' Mejju 2009 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa (i) li huwa ma jirrisjedix fl-indirizz indikat fl-Avviz promotur, imma fl-indirizz moghti f'din ir-risposta; (ii) illi huwa jikkontesta l-ammont mitlub billi ma hemmx indikati ebda dokumenti li jissostanjaw din is-somma u l-intimat qatt ma gie notifikat bl-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 2009 jew bil-mandat ta' sekwestru, u fuq kollox l-ammont huwa preskritt skond il-ligi; (iii) illi huwa m'ghandux ihallas ebda spejjes u imghaxijiet f'dawn ic-cirkostanzi; (iv) illi d-dettalji fl-Avviz huma vagi apparti li l-Avviz huwa null billi mhux iffirmat mill-isem indikat.

Ra n-nota tal-konvenut tat-12 ta' Novembru 2009.

Sema x-xhieda tal-konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Frar 2010 fejn il-konvenut irtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tieghu.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' April 2010 fejn il-konvenut deher u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta ppruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u ewro u tmienja u tletin centezmu (€301.38), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------